



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-601/14

**Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Ir-Repubblika Taljana**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/80/KE — Artikolu 12(2) — Skemi nazzjonali ta’ kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li jiggarrantixxu kumpens ġust u xieraq — Skema nazzjonali li ma tkoprix id-delitti intenzjonali vjolenti kollha mwettqa fit-territorju nazzjonali”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-11 ta’ Ottubru 2016

1. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu li jirriżultaw minn Direttiva — Eċċeżżjonijiet tad-difīża — Kontestazzjoni tal-legalità tad-Direttiva — Inammissibbiltà — Limiti — Att ineżistenti*

(Artikoli 258 TFUE, 259 TFUE, 263 TFUE u 265 TFUE)

2. *Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja fmaterji kriminali — Direttiva 2004/80 — Kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti — Obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu skemi ta’ kumpens lill-vittmi — Skema nazzjonali li ma tkoprix id-delitti kollha li jaqgħu taħt tali kriminalità — Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu*

(Direttiva tal-Kunsill 2004/80, Artikolu 12(2))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 33, 34)

2. Stat Membru jonqos milli jwettaq l-obbligu tiegħu taħt l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80/KE li għandha x’taqsam ma’ ku[m]pens għal vittmi ta’ delitti, meta ma jiħux il-miżuri kollha neċċessarji sabiex jiggarrantixxi l-eżistenza, f’sitwazzjonijiet transkonfinali, ta’ skema ta’ kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tiegħu.

Fil-fatt, din id-dispożizzjoni hija intiża li tiggarrantixxi liċ-ċittadin tal-Unjoni d-dritt għal kumpens ġust u xieraq għad-dannu li huwa jsorri fit-territorju ta’ Stat Membru li huwa jkun jinsab fihi, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt tiegħu ta’ moviment liberu, billi timponi lil kull Stat Membru jistabbilixxi skema ta’ kumpens lill-vittmi għad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tiegħu.

Fir-rigward tad-determinazzjoni tan-natura intenzjonali u vjolenti ta’ delitt, għalkemm l-Istati Membri għandhom, bħala prinċipju, il-kompetenza li jispeċifikaw il-portata ta’ dan u il-kunċċett fid-dritt intern tagħhom, madankollu din il-kompetenza ma tawtorizzahomx jillimitaw, taħt piena li jintilef l-effett utli tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, il-kamp ta’ applikazzjoni tal-iskema ta’ kumpens lill-vittmi għal uħud biss mid-delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti.

Barra minn hekk, għalkemm is-sistema ta' kooperazzjoni stabbilita bid-Direttiva 2004/80 tirrigwarda biss l-aċċess għal kumpens f'sitwazzjonijiet transkonfinali, din ma teskludix, madankollu, li l-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva jimponi lil kull Stat Membru, sabiex jiġi ggarantit l-għan li hija ssegwi f'sitwazzjonijiet bħal dawn, jadotta skema nazzjonali li tiggarantixxi kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti fit-territorju tiegħu.

(ara l-punti 45, 46, 49, 52, u d-dispożittiv 1)